PDF Compressor Pro





*Waqt il-ħruġ tal-Purċissjoni. Jidhru l-Arċipriet tal-Parroċċa Mons Carmelo Refalo (xellug) kif ukoll Dun George Farrugia u l-Isqof missjunarju, Fr Anthony Pappusamy (l-ewwel wieħed mil-lemin)*

# Il-Korpus: Festa lil Ġesù Ewkaristija

Nhar il-Ħadd li għadda, 26 ta' Ġunju, id-Djoċesi t'Għawdex iċċelebrat is-Solennità tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej. (*Corpus Domini).*

Wara ċelebrazzjoni fil-Knejjes, pubbliku numeruż mexa wara l-Purċissjonijiet Ewkaristiċi, bis-sehem tat-tfal tal-Ewwel Tqarbina, li għaddew minn diversi toroq, fost it-tiżjin bi drapp aħmar, qsari u fjuri minn kull fejn għadda Ġesù Ewkaristija. Purċissjonijiet uħud saru filgħodu u oħrajn filgħaxija.

Fix-Xagħra, fit-8.30 a.m. l-Isqof Missjunarju Anthony Pappusamy, Isqof ta' Dindigul, fin-Nofsinhar tal-India, mexxa konċelebrazzjoni, bl-omelija tal-okkażjoni ssir mis-saċerdot novell Dun Simon Mario Cachia. Anima l-Kor *Voci Angeliche* li ħa sehem ukoll fil-purċissjoni li ħarġet mill-Knisja Bażilika ta' Marija Bambina u li għaddiet mit-toroq Jannar, Bullara, Spiera u lura l-Pjazza għall-Knisja Arċipretali. Tmienja u erbgħin tifel u tifla, mill-parroċċa tax-Xagħra li rċivew l-Ewwel Tqarbina ħadu wkoll sehem fil-purċissjoni.



*Membri tal-Kor Voci Angeliche waqt il-ħruġ tal-purċissjoni*



*Jidhru wħud mit-tmienja u erbgħin tifel u tifla, mill-parroċċa tax-Xagħra li rċivew l-Ewwel Tqarbina u li ħadu wkoll sehem fil-purċissjoni.*

**MINN GĦAWDEX**  *ma'* **Charles Spiteri**



*Ix-Xagħra Scout Group barra l-bieb tal-Knisja Bażilika, hekk kif spiċċat il-quddiesa*

# It-Tielet Anniversarju tax-*Xagħra Scout Group*

Ix-Xagħra Scout Group iċċelebra t-tielet sena mit-Twaqqif tiegħu kif ukoll it-78 sena mit-Twaqqif tax-*Xagħra Boy Scouts* li kien ingħalaq minħabba t-Tieni Gwerra Dinjija. Biex jiġi kommemorat dan l-avveniment, Mons. Arċipriet Carmelo Refalo flimkien ma' Dun Jesmond Gauci ċċelebraw quddiesa ġewwa l-Knisja Bażilika ta' Marija Bambina fix-Xagħra. Wara, ġewwa l-*playing field* tax-Xagħra, inkixfet irħama mis-Sindku tal-lokalità Joe Cordina u minn Carmel Attard f'isem il-Grupp, li tfakkar dan il-jum tant importanti fl-istorja tax-*Xagħra Scout Group* kif ukoll ġiet imħawla siġra li tbierket minn Dun Jesmond Gauci.



*Waqt il-kxif tal-irħama kommemorattiva*



*It-tħawwil tas-siġra bħala tifkira dejjiema*


**Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott** - *Hard Cover*



Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott.
Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti
Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald**
**PO Box 330 Merrylands NSW 2160**
jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**
**Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.**

***Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna***